12 ta' Diċembru, 1952

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President* ;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D. ;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Angelo Galea *versus* Carmelo Galea

**Servitù — Passaġġ — Qasma — Nullità — "Jus Conductionis" — Art. 513 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huwa magħruf li fil-kampanja tagħna spiss jiġri illi l-ispazju firraba' li jkun riżervat għall-passaġġ, jiġi koltivat, billi waqt li l-prodotti jkunu pendenti, il-passaġġ ma jkunx neċessarju. U għalhekk ma jservix ta' indizju li l-passaġġ ma jeżistix il-fatt li dak l-ispazju okkupat mill-passaġġ jinsab koltivat.*

*Il-prinċipju illi l-Qorti għandha tirregola u tistabbilixxi l-estensjoni tas-servitù u l-eżerċizzju tal-passaġġ billi tqis il-bżonnijiet tal-fond dominanti u l-anqas ħsara tal-fond servjenti huwa applikabili me-*

*ta jkun hemm dubju dwar l-estensjoni tal-passaġġ, u mhux meta l-estensjoni tal-passaġġ tidher aċċertata mill-ftehim bejn il-partijiet u mill-provi.*

*Meta l-ftehim ta' bejn il-partijiet dwar il-passaġġ jirriferixxi għal raba' detenut minnhom bi qbiela, u l-ftehim dwar l-eżerċizzju ta' dak il-passaġġ ikun sar f'qasma li tkun saret ta' dak ir-raba', ma hemmx nullità tal-qasma għax ma tkunx saret b'att publiku. Għax il-ftehim ikun jirrigwarda l-"Jus Conductionis", li huwa dritt personali.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li ppremetta li skond ftehim li sar bejn il-kontendenti hu għandu dritt ta' passaġġ bir-riġel u bil-bhima matul is-sena kollha, u fit-tliet xhur tas-sajf anki bill-karrettun, minn fuq il-qatgħa tar-raba' "ta' Koplu" mqabbla għand il-konvenut, li tinsab fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, fuq Triq Għajn Tuffieħa; illi l-konvenut ostakola lill-attur fl-eżerċizzju ta' dan id-dritt, billi għamel gozz ġebel fil-passaġġ u għalaq bi truck l-aċċess għall-għalqa ta' l-attur; u illi, wara li tiġi magħmula kwalunkwe dikjarazzjoni u meħud kwalunkwe provvediment opportun, talab li għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi dikjarat u deċiż li l-attur fit-tliet xhur tas-sajf għandu dritt jgħaddi għar-raba' tiegħu "tal-Koplu" minn fuq il-qatgħa tal-konvenut bil-karrettun ukoll; li l-konvenut jiġi kundannat ineħħi l-gozz ġebel li huwa għamel fil-passaġġ fuq imsemmi, b'mod li l-attur ikun jista' jeżerċita d-dritt ta' passaġġ mingħajr ostakoli. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-12 ta' Ġunju 1950, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju 1952, li biha ġew milqugħa d-domandi ta' l-attur, u ġie prefiss lill-konvenut terminu ta' tmint ijiem biex jirrimwovi l-ġebel eżistenti fil-passaġġ, u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Fid-dritt, u dwar in-natura ta' l-azzjoni eżerċitata, l-attur, per mezz tad-difensur tiegħu, ippreċiża li l-azzjoni hija dik naxxenti mill-ftehim li sar bejnu u l-konvenut (v. verbal fol. 61);

Kwantu għall-fatti, irriżulta li r-raba', qbiela tal-Gvern,

oriġinarjament kienu f'idejn missier l-attur u mart il-konvenut; u meta mietet ommhom saret id-diviżjoni tar-raba' bejn l-aħwa. L-attur messu r-raba' in kwistjoni, konsistenti f'erba' lenez........... Fil-porzjoni li żamm, l-attur baqa' jagħmel il-qigħa. Sa hawn ma jidherx li hemm kontestazzjoni. Iżda l-partijiet ma jaqblux dwar il-passaġġ li l-attur jippretendi li żamm favur tiegħu fil-ftehim fuq il-porzjonijiet li bidel mal-konvenuti. Mill-provi li saru "hinc inde", il-Qorti tikkunsidra aktar verosimili u aċċettabili l-versjoni ta' l-attur, għal dawn il-konsiderazzjonijiet;

*Omissis;*

Dik il-Qorti kkunsidrat ukoll illi ma għandux importanza l-fatt, rilevat fl-aċċess, li fl-ebda waħda miċ-ċjanti tal-konvenut ma ġie osservat ebda passaġġ, u li r-raba' kien jidher kollu miżrugħ; għaliex, kuntrarjament għal dak li xehed Francesco Galea (fol. 50), u kif osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Agius vs. Ciantar", deċiża fl-1 ta' Awissu 1919, "è notorio come nel nostro contado il più delle volte il tratto di terreno, riservato all'esercizio di passaggio con carro, si suole coltivare, dacchè, mentre sono pendenti i prodotti nei campi, nessun tale passaggio risulta necessario, nè per la concimazione dei campi, nè per il trasporto dei prodotti" (Kollez. XXIV—I—122). F'dan is-sens irritenjet l-istess Qorti fil-kawża "Dr. Carlo Galea Naudi vs. Adeodato Mifsud et.", deċiża fis-27 ta' Mejju, 1927 (Kollez. Vol. XXVI—I—833). Rigward imbagħad il-passaġġ bir-riġel u bil-bhima..............;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu għar-revoka tas-sentenza appellata u r-riġett tad-domanda;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-passaġġ reklamat mill-attur, kif hemm fiċ-ċitazzjoni tiegħu, ġie pruvat, għar-raġunijiet konvinċenti li jinsabu elenkati fis-sentenza appellata, u li magħhom din il-Qorti taqbel;

Id-difensur ta' l-appellant, fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, donnu ried li t-tribunal jillimita l-eżerċizzju tal-passaġġ billi jqis il-bżonnijiet tal-fond dominanti u l-inqas ħsara tal-fond serventi. Iżda dan il-prinċipju, sanċit fl-art. 513 Kap. 23, japplika meta jkun hemm dubju dwar l-estensjoni tas-servitù; mentri f'dan il-każ l-estensjoni hija aċċertata bil-provi, fis-sens

li s-servitù hi, fl-estensjoni tagħha, kif reklamata fiċ-ċitazzjoni;

Kwantu għall-eċċezzjoni ta' l-appellant, li kull ftehim li seta' sar kien null, għaliex si tratta ta' immobili, għandu jiġi osservat li dan hu raba' bi qbiela għand il-kontendenti, u l-ftehim tal-qasma kien għalhekk jirrigwarda l-"jus conductionis", li hu dritt personali;

Din il-Qorti, għalhekk, fil-waqt li tadotta r-raġunijiet ta' l-ewwel sentenza, tiddeċidi billi, prevju r-rigett ta' l-eċċezzjoni tan-nullità tal-ftehim, tiċħad l-appell u tikkonferma dik is-sentenza. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant;

It-terminu jibda jgħaddi mil-lum.

---